MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 2484/1999/1

**Renald Mallia**

**-vs-**

**Achia Mallia**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fit-8 ta' Mejju, 1997, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg anness mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dok. A;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja

mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Premess illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini ta' l-Artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u/jew (f) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 li jirregola z-Zwigijiet;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett fil-Ligi;

L-ispejjez kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota tal-konvenuta pprezentata fis-26 ta' Mejju 2000 illi permezz taghha hija tat ruhha b'notifikata bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh; u li pero` baqghet ma pprezentatx in-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha;

Rat id-digriet tat-23 ta' Gunju 2000 li permezz tieghu giet nominata bhala perit legali Dr. Yana Micallef Stafrace biex tigbor il-provi;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert legali li tinsab a fol. 39 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-Udjenza ta' l-14 ta' Mejju 2001;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Jekk hemm kaz fejn inkonfutabilment jezistu regunijiet serji u validi hafna biex iwaqqghu ghal kollox il-kuntratt taz-zwieg, dan hu certament wiehed minnhom. Kemm jekk vizwalizzat taht is-subinciz (d), kemm jekk inkwadrat taht is-subincis (f) ta' l-Artikolu 19(1) ta' l-Att dwar iz-Zwieg, iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-8 ta' Mejju 1997 kien finzjoni shiha tant li fih kienu tabilhaqq mankanti l-elementi bazici li jghaqqad zwieg;

Evidentement il-kunsens taghhom kien nieqes ghal kollox minn apprezzament valutattiv serju dwar il-portata ta' l-istess kunsens u kien ukoll difettuz billi l-ebda wiehed minnhom ma kellu gudizzju fuq il-hajja matrimonjali. Jirrizulta wkoll illi mill-bidunett dan l-istess kunsens fil-forma mentis taghhom kien jeskludi b'mod ovvju l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, kompriz l-att innifsu taz-zwieg. Fil-kaz ta' l-attur, imbaghad, minhabba s-sitwazzjoni tieghu ta' drogat konfessat kien hemm inkapacita` psikika tali li ma hallietux jirrifletti b'mod liberu fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali;

Irrizulta mill-istqarrijiet tal-kontendenti illi l-iskopijiet taghhom biex dahhlu ghal dan iz-zwieg kienu jirriflettu s-sitwazzjoni xejn felici li fiha kienu jinsabu f'dak iz-zmien:-

I. Minn naha ta' l-attur, biex ikollu fondi bizzejjed mill-konvenuta, li kellha l-flus, biex jissodisfa l-vizzju li kellu tad-droga. Kif ukoll biex jimpika jew jinki lil certa Natasha li minnha kellu tifel;

II. Da parti tal-konvenuta, biex teghleb il-problema tal-visa li kienet ser tiskadilha u hi riedet tibqa' f'Malta, ghax fi kliemha "ghogbitni l-hajja Malta";

Irrizulta wkoll li z-zwieg bejn din il-koppja qatt ma kien konsumat. Dan juri bl-aktar mod manifest illi dan iz-zwieg, li fil-verita dam biss ftit xhur, kien jikkonsisti f'celebrazzjoni esterjuri biss. Jista' ghalhekk jinghad li interjorment it-tnejn li huma kienu qed jeskludu posittivament l-istess zwieg fih innifsu fit-tifsira kollha tieghu. Sahansitra hemm ukoll dubju serju jekk l-attur, fil-qaghda li kien jinsab fiha

taht l-effett ta' l-eroina, kienx ukoll konsapevoli tar-realta` li kien qed jizzewweg;

Li l-attur kellu hajja difficilissima, u xejn ixxortjata, huwa indubitat. Kien wiehed fost hmistax (15) il ahwa, tmienja minnhom iddrogati. Bhal bosta minn hutu ta' eta` tenera ommu abbandunatu fl-Istitut fejn dam cirka 14-il sena. Wara li hareg hajtu ma nbiddlitx. Kien frekwentement u brutalment jissawwat minn ommu li kienet prostituta. Meta ma felahx jissubixxi aktar harab mid-dar u beda jghix barra fit-triq. Spicca vittma tad-droga tant li sar "*addict*". Ir-rizultat ta' dan kienu proceduri kriminali fil-konfront tieghu;

Minn naha l-ohra t-trobbija tal-konvenuta kienet dijammetrikalment il-kuntrarju ta' dik ta' l-attur, kif hekk xehdet ohtha Nagette Brincat (fol. 26). Giet deskritta bhala tifla kwieta u misthija, imrobbija f'ambjent musulman rigidu fil-Marokk, u rceviet edukazzjoni tajba. Kellha qalba tajba u dejjem pronta tghin lil dak li jkun. Hi stess tikkonferma li lill-attur "thassartu hafna", u ppruvat tghinu johrog mill-problemi li kien jinsab fihom, sakemm iddecidiet li tizzewgu kontra l-parir u x-xewqat tal-familjari taghha. Il-hsieb format f'mohhha li induciha biex tizzewgu kien dak minnha stess ammess, u cioe` "aktar ma nizzewgu malajr aktar nehilsu mill-mishuta droga illum qabel ghada." (Affidavit tal-konvenuta, fol. 25);

Mill-kumplament il-kontendenti dahlu ghaz-zwieg bla preparazzjoni ta' xejn, konfuzi ghall-ahhar u b'kunsens ivvizzjat;

Kif gja senjalat hawn fuq dawn l-aspetti kollha tal-kaz, konsiderati singolarment jew kollettivament, ghandhom jissarrfu f'konkluzjoni unika, dik li z-zwieg konkjuz bejn il-kontendenti jimmerita li jigi dikjarat null u bla effett legali a bazi ta' l-Artikoli 19(1) (d) u (f) tal-Kap 255;

L-attur irrefera ukoll ghas-subinciz (g) ta' l-imsemmi Artikolu pero` fil-fehma ta' din il-Qorti ma jidhirx li l-fatti ta' din il-kawza jistghu jigu kazellati fih gjaladarba ma jirrizultax illi xi wahda mil-partijiet rabtet il-kunsens taghha

ma' kondizzjoni, rizoluttiva jew sospensiva, li tirreferi ghall-futur.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi takkolji d-domanda attrici u tiddikjara z-zwieg bejn il-kontendenti bhala null u bla effett izda dan in raguni biss ghal dak kontemplat fl-Artikolu 19 (1) (d) u (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255).

Fic-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

(ft) Philip Sciberras

___________________________

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

_________________________

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur